# L-GĦAQDA FILARMONIKA PRINCE OF WALES OWN



Is-Sena l-oħra kont ktiebt dwar iċ-ċerimonja ta' preżentazzjoni ta' Stendard tal-Prince of Wales lill-Banda tal-Birgu, u l-għaqda ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Baned tal-Birgu li saret fis-17 ta' Settembru 1904, lejlet il-Festa ta' San Duminku. Din is-sena ser nikteb dwar żewġ telfiet kbar li kellha l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu.

## IL-FUNERAL FAMUŻ TA' MRO. RAFFAELE RICCI

L-Għaqda u l-Banda Prince of Wales Own tal-Birgu ġarrbu telfa kbira bil-mewt tas-Surmast Direttur tagħha, il-Kav. Professur Raffaele Ricci li miet nhar it-Tlieta, 15 ta' Novembru 1904.



Il-funeral ta' dan is-Surmast kien tassew mill-akbar li saru f'Malta. Ħadu sehem fih il-baned ewlenin ta' Malta li wħud minnhom akkumpanjaw u oħrajn bagħtu kuruni. Fost il-kuruni kienet tidher waħda li bagħat l-Armirall Lacon Hammet tat-Tarzna billi hu kien President Onorarju tal-Banda Prince of Wales Own.

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu fejn Ricci kien Direttur Onorarju imxiet quddiem fil-funeral, iddoqq marċi funebri, wara nġarr it-tebut bil-faldrappa miżmuma mis-Surmastrijiet Hare, Lucia, Grech, Melili, Carabott, Miruzzi u Diretturi tal-baned ewlenin ta' Malta.

Warajhom imxiet il-Banda Prince of Wales Own u dik Duke of Connaught ta' Birkirkara li tagħhom dan is-Surmast kien Direttur, dawn iż-żewġ Baned daqqew marċi funebri tul il-funeral. Wara mbagħad kien hemm ukoll ħafna kbarat u sinjuri oħra minn kull qasam tas-soċjeta Maltija flimkien ma' xi amministraturi tiegħu.

## IL-FUNERAL KOLOSSALI TA' L-ARMIRALL LACON HAMMET

Fi Frar tas-sena 1905 l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tilfet lill-maħbub President Onorarju tagħha, il-viċi-Ammirall J. Lacon Hammet. Dan ġara tliet xhur biss wara t-telfa tas-Surmast Direttur tagħha il-Kav. Prof. Raffaele Ricci.

Kif iddeskrivejna qabel il-funeral famuż ta' dak id-Direttur, issa jixraq li niddeskrivu dak ta' l-Armirall J. Lacon Hammet, President Onorarju ta' l-Għaqda fil-20 ta' Frar 1905.

L-Armirall kien fi triqtu lejn pajjiżu, l-Ingilterra, ħalli jwassal lir-Re r-relazzjonijiet tajba tagħna l-Maltin u jfaħħar il-lealta' tagħna lejn it-tron Ingliż. Il-mewt tiegħu ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi hekk kif bħal sajjetta waslet f'widnejna hawn Malta.

L-Armirall Hammet miet fil-belt ta' Firenze, l-Italja fejn kien mar ma' martu biex jieħu vaganza ta' ftit ġranet qabel jasal l-Ingilterra.

L-Armirall Hammet għex u miet ta' veru nisrani kattolikuġ kellu biss 57 sena. Ta' tlettax-il sena daħal fis-servizz bħala *'midshipman'* fuq bastiment tal-gwerra minn fejn baqa' javvanza

sakemm fl-1 ta' Jannar 1905 laħaq Viċi-Ammirall.

Bosta mill-Maltin jafu x'qalb kellu dan ir-raġel.. l-aktar in-nies tat-tarzna fejn dam għal tliet snin l-Ammirall Suprentendent. L-Ammirall Hammet, lilna l-Maltin tana kemm-il prova ta' l-imħabba u r-rispett li kien iġibilna kif jixdhu d-diskorsi li kien jagħmel, kull meta kien mistieden fil-każin Prince of Wales Own, fejn kien President Onorarju. Ukoll kull meta ippresieda fit-tqassim tal-premjijiet tat-tfal ta' l-iskejjel tat-Tlett Ibliet u kull meta kien mistieden il-Borsa.

Il-Maltin tilfu ħabib kbir minnu, ħabib li dejjem għamlilhom il-ġid. Xhieda ta' dan kien il-funeral li sarlu. Qabel ma telaq minn Malta, l-Ammirall Hammet qal li huwa sejjer b'isem Malta stampat f'qalbu. Billi, kemm hu kif ukoll martu kellhom l-istess xewqa, l-Ammirall Hammet inġieb minn Firenze fuq l-*H.M.S. Surprise* għad-difna f'Malta.

Fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar il-kadavru ta' l-Ammirall tniżżel minn abbord *l-H.M.S. Surprise* għal fuq il-moll quddiem ir-residenza tiegħu fix-xatt tal-Birgu, aħna u deħlin Sant'Anġlu. Hawn kien hemm l-uffiċjali jistennewħ, fejn minn bejn fillieri ta' baħrin u uffiċjali, twassal sal-pjazza Santa Margerita minn fejn beda l-funeral, b'dan il-mod:



Quddiem nett imxew il-baħrin bl-azzarini jħarsu l-isfel taħt il-kmand ta' uffiċjal, imbagħad daqs tliet baned navali flimkien, is-Salib tal-Kleru, l-Kappillan tal-Flotta, il-Kanonku Dun Ġużepp Cassar, u warajh it-tebut bil-kadavru fuq kanun tal-gwerra miġbud minn xi 120 baħri.

Il-faldrappa, bandiera Ingliża, inżammet minn.. l-Ammirall Grenfell, Bromley u Lambton, il-Kaptani Gillet, Gallaghan u Wishart, iċ-Chief Constructor, u s-Segretarju ċivili tal-Ammirall. Wara l-kadavru mxew l-Ammirall *Commander-in-Chief* bl-istaff tiegħu u madwar 500 kuruna ta' kull għamla u daqs.. fosthom dik prominenti tal-Banda Prince of Wales Own, u l-istudenti ta' erba' skejjel prinċipali.. tat-Tlett Ibliet u ta' Ħaż-Żabbar flimkien ma' oħrajn mibgħuta minn Maltin u mill-Ingliżi. Wara mxew il-Monsinjuri, Saċerdoti, Patrijiet, Għaqdiet, Dipartimenti, eċċ. Wara ssoktaw jimxu l-pajżana Maltin u Ingliżi.. fosthom kien hemm il-Monsinjur Bickerstaff Drew, Cavendish u Muscat, id-Dumnikani Patri David Catania u Patri Felice Grech, Dun Lwiġ Albanis u oħrajn.., kif ukoll sekulari.., fosthom Konslijiet, Neguzjanti, Tobba u Avukati, is-Sinjuri G.T. Agius, Sigismondo Savona, V. Busuttil, Sir John Blunt, F.J.Rejnolds, is-surmastrijiet tat-Tlett Ibliet u ta' Ħaż-Żabbar, ħafna sinjuri oħrajn, u l-impjegati kollha kbar u żgħar tat-

Tarzna.

Il-Banda Prince of Wales Own tal-Birgu flimkien mal-President u l-Kumitat, kollha bl-uniformi, kif ukoll rappreżentanti tal-Banda Kings Own tal-Belt Valletta, bl-uniformi tagħhom bdew imbagħad idoqqu marċi funebri. Warajhom imxew il-morini, xi 3000 baħri, warajhom xi 300 uffiċjal tal-baħar u ta' l-art bl-uniformi tal-gala. Kien fihom tassew x'tara u biex titgħaxxaq.

X'ħin il-kadavru wasal iċ-Ċimiterju ta' Rinella, sab jistennewh lill-Gvernatur bl-istaff tiegħu, il-Membri kollha tal-Kunsill Esekuttiv ta' Malta, il-Monsinjur Vigarju Grech, il-Monsinjur Camilleri u l-Provigarju Dun Pawl Gauci li kienu jirrappreżentaw lill-Monsinjur Isqof.

Il-kadavru tressaq lejn il-qabar fejn sar ir-rit tad-difna bit-talb u t-tberik mis-saċerdoti. Fit-tmiem ingħata l-aħħar tislima bl-isparar tas-Salut Irjali u t-tebut tniżżel fil-qabar imżejjen bi fjuri u ħaxix apposta.

Dawk l-eluf ta' Maltin li ma kellhomx l-opportunita' jieħdu sehem fil-korteo ta' dan il-funeral, urew ir-rispett tagħhom lejn l-Ammirall Hammet billi ġew jarawh għaddej tul it-triq mill-Birgu saċ-ċimiterju.

Ta' min igħid ukoll li l-lapida li tqiegħdet fuq il-qabar kienet magħmula mill-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu. Dan il-qabar illum ma għadux jeżisti għaliex floku saret triq, imma l-fdalijiet ta' l-Ammirall Hammet inġarru u reġgħu ndifnu fiċ-ċimiterju tas-Servizzi, ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini, il-Kalkara.

**Nicholas Magro**
**Segretarju**

**Referenzi**

Arkivji ta l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu.
Minuti tal-Kumitat ta' l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu.
Giuliana Vol 22.5.
Malta Tagħna 26 ta Novembru 1904.
Malta Tagħna 25 ta' Frar 1905.

JOHN VELLA
WATCH DEALER
*Available for:*
ROLEX - BULOVA - SEIKO
150, MELITA STREET, VALLETTA - MALTA.
TEL: 234055